TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/299/12/S

Joseph Spiteri
Vs
Melita plc

Illum 11 t'April,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Joseph Spiteri datata 27 ta'Novembru,2012 u r-risposta tas-socjeta intimata Melita plc datata 11 ta'Dicembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tat-22 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra
Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda zieda fil-hlasijiet ta' kull xahar li skont ir-rikorrent, qatt ma ta l-kunsens ghaliha;

Illi jinghad fl-ewwel lok li hi responsabilita ta' kull persuna li se tiffirma dokument, li tezamina u tifhem l-istess dokument qabel tiffirma;

Illi kif gja kellu cans jikkummenta f'decizjonijiet ohra, dan it-Tribunal ihoss li kuntratt ghandu jkun car u li jinftiehem minn kulmin jiffirmah;

Illi dan it-Tribunal jaghmel riferenza ghad-decizjoni tieghu moghtija f'Gunju tas-sena l-ohra fl-ismijiet "Paul Deguara vs Melita plc" (CCT/494/11/S) u jaghmel tieghu l-argumentazzjoni hemm maghmula;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi jigi mtenni dak enuncjat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fid-decizjoni taghHa tad-29 t'Ottubru,2004 u cioe: "...*Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16...*"[1]

Illi s-socjeta intimata tikkontendi li intbaghtet lir-rikorrent l-ittra fejn gie mhabbar zieda fit-tariffa ta' kull xahar u li l-istess rikorrent kellu c-cans jaqbel jew johrog mill-kuntratt miftiehem bejn il-partijiet;

Illi r-rapprezentanta tas-socjeta intimata stess fix-xhieda taghha tikkonferma liu ma kelliex il-konferma bil-miktub li r-rikorrent qabel maz-zieda tat-tariffa;

Illi ghalhekk il-volonta legittima tar-rikorrent hi nieqsa;

Illi dan it-Tribunal jerga' jtenni li kulmin joffri servizz ghandu jaghmilha facli ghal kull konsumatur li jiddeciedi u l-mezz ta' kif jigi infurmat ghandu jintghazel mill-konsumatur;

Illi fin-nuqqas ta'qbil ghaz-zieda fit-tariffa daparti tar-rikorrent, tali zieda fil-konfront ta' Joseph Spiteri mhijiex applikabbli;

Illi jigi ribadit li kull konsumatur ghandu jkollu car f'mohhu ghal xiex qed jiffirma u ghalxiex se jintrabat;

[1] "Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci noe et" (729/1993)

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illi mill-provi mressqa, it-talba ghal kumpens daparti tar-rikorrent mhijiex gustifikata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Joseph Spiteri fis-sens li jinhall mill-obbligi ta' dak iffirmat fil-21 ta'Marzu,2011 minghajr ebda zieda fit-tariffa skont l-ittra datata 1 ta'Mejju,2012 b'dan li l-istess Joseph Spiteri ghandu jhallas lis-socjeta Melita plc dak kollu dovut lilha skont l-imsemmi kuntratt u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Melita plc, filwaqt li t-talba ta' Joseph Spiteri ghal kumpens qed tigi michuda, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888